

Il-Ġurnal Uffiċjali L 32 I

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

4 ta' Frar 2023

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/250 tal-4 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/251 tal-4 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** 4

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/252 tal-4 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** 11

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/250

tal-4 ta' Frar 2023

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja
li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/252 tal-4 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ⁽²⁾.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ⁽³⁾.
- (3) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 ⁽⁴⁾, li introduċiet eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li jingħataw assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport marittimu lil pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum) jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw jew li jiġu esportati mir-Russja, mixtrija bi prezz li jkun ekwivalenti jew anqas minn dak massimu stabbilit minn qabel miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik l-eżenzjoni hija maħsuba biex ittaffi l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija għal pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żieda qawwiya f'daqqa fil-prezzijiet xprunata minn kundizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li jiġi limitat id-dħul Russu miż-żejt.
- (4) Fit-3 ta' Diċembru 2022, il-Kunsilla adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 ⁽⁵⁾ li stabbiliet il-limitu massimu tal-prezz għaż-żejt mhux maħdum, jiġifieri l-prezz għal kull barmil li fih jew li taħtu, iż-żejt mhux maħdum mir-Russja jkun eżentat mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu ta' tali żejt mhux maħdum lejn pajjiżi terzi u l-projbizzjoni li jingħataw assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport marittimu ta' tali żejt mhux maħdum lejn pajjiżi terzi.

⁽¹⁾ ĠU L 32 I, 4.2.2023.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2014/2022 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 259I, 6.10.2022, p. 122).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 tat-3 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 311I, 3.12.2022, p. 8).

- (5) Fl-4 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/252. Dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi żewġ limiti addizzjonali għall-prezzijiet tal-prodotti tal-petroleum, jiġifieri l-prezz għal kull barmil li miegħu jew taħtu l-prodotti tal-petroleum mir-Russja jkunu eżentati mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu ta' tali prodotti lejn pajjiżi terzi u l-projbizzjoni li jingħataw assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mat-trasport marittimu ta' tali prodotti lejn pajjiżi terzi: wieħed għall-prodotti tal-petroleum innegozjati bi skont għaż-żejt mhux maħdum ("skont għaż-żejt mhux maħdum") u t-tieni wieħed għall-prodotti tal-petroleum innegozjati bi primjum għaż-żejt mhux maħdum ("primjum għaż-żejt mhux maħdum").
- (6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/252 tintroduċi perjodu tranżitorju ta' 55 jum għal bastimenti li jgħorru prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja li jinxtraw u jitgħabbew fuq il-bastiment qabel il-5 ta' Frar 2023 u li jinħattu qabel l-1 ta' April 2023.
- (7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 introduċiet rieżami regolari tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet. Jenħtieġ li, minn nofs Marzu 2023, ir-rieżami jkun ibbażat fuq data oġġettiva pprovduta mill-Kummissjoni lill-Kunsill kull xahrejn. Id-data għandha tinkludi informazzjoni dwar il-livell tal-prezz taż-żejt mhux maħdum u tal-prodotti tal-petroleum raffinat, varjazzjonijiet matul il-perjodu taħt rieżami u previżjonijiet raġonevoli tal-prezzijiet fil-perjodu ta' wara. Il-Kummissjoni ser tinkludi wkoll data rilevanti dwar l-impatt mistenni fuq il-baġit Russu, fuq is-settur tal-enerġija u fuq l-Istati Membri.
- (8) Dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (9) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3n tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-paragrafu 6, jinżdied il-punt li ġej:

"(e) mill-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja li nxtraw bi prezz ogħla mill-prezz rispettiv stipulat fl-Anness XXVIII li jitgħabbew fuq bastiment fil-port tat-tagħbija qabel il-5 ta' Frar 2023 u li jinħattu fil-port tad-destinazzjoni finali qabel l-1 ta' April 2023.";

- (2) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. Il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż l-Anness XXVIII kif ukoll il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi rieżaminat sa nofs Marzu 2023 u kull xahrejn minn hemm 'il quddiem.

Ir-rieżami għandu jqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali u l-allinjament informali mal-iskema tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Għandu jwieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul tar-Russja miż-żejt, il-limitu massimu tal-prezzijiet għandu jkun mill-inqas 5 % taħt il-prezz medju tas-suq għaż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi, ikkalkulat abbażi tad-data pprovduta mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ROSWALL

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/251**tal-4 ta' Frar 2023****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, b'mod partikolari l-Artikolu 7a,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ⁽²⁾.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 ⁽³⁾ introduċiet eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni tal-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport marittimu lil pajjiżi terzi ta' żejt grezz jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw jew li jiġu esportati mir-Russja, mixtrija bil-limitu massimu tal-prezz stabbilit minn qabel jew taħtu, miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Jenħtieġ li din l-eżenzjoni timmitiga l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija lil pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żieda fil-prezzijiet xprunata minn kundizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li tillimita d-dħul Russu miż-żejt.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 ⁽⁴⁾ introduċiet il-limitu massimu tal-prezz fl-Anness XI tagħha, jiġifieri l-prezz għal kull barmil li fih jew li taħtu ż-żejt grezz mir-Russja jkun eżentat mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u l-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi.
- (5) Fl-4 ta' Frar 2023, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/252 ⁽⁵⁾ emendat id-Deċiżjoni 2014/512/PESK biex tintroduċi żewġ limiti addizzjonali fuq il-prezzijiet tal-prodotti tal-petroleum fl-Anness XI tagħha, wieħed għall-prodotti tal-petroleum innegożjati bi skont għaż-żejt grezz ("skont għall-prodotti taż-żejt grezz") u l-ieħor għall-prodotti tal-petroleum innegożjati bi primjum għaż-żejt grezz ("primjum għaż-żejt grezz"), jiġifieri l-prezz għal kull barmil li fih jew li taħtu l-prodotti tal-petroleum mir-Russja jkunu eżentati mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u l-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness XXVIII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jiġi emendat skont dan.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 259 I, 6.10.2022, p. 122).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 tat-3 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 311 I, 3.12.2022, p. 8).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/252 tal-4 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 32 I, 4.2.2023, p. 11).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XXVIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Anness XXVIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) it-test li ġej jitħassar:

“[it-tabella bil-kodiċijiet tan-NM tal-prodotti u l-prezzijiet korrispondenti kif miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet]”

(2) is-sottotitolu li ġej jiżdied mat-tabella:

“Prezz taż-żejt grezz”

(3) jiżdiedu s-sottotitolu u t-tabella li ġejjin:

“Prezzijiet għall-prodotti tal-petroleum

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Primjum għaż- żejt grezz/ Skont għaż-żejt grezz	Prezz għal kull barmil (USD)	Data ta' applikazzjoni
	Żjut tal-petroleum u żjut miksubin minn minerali bituminużi (ħlief daww grezzi) u preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom skont il-piż 70 % jew aktar ta' żjut tal-petroleum jew żjut miksubin mill-minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati, għajr daww li jkun fihom il-bijodiżil u għajr iż-żjut ta' skart			
2710 12	Żjut u l-preparati ħfief			
2710 12 11	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Skont għaż- żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 15	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess għajr daww speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 12 11	Skont għaż- żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
	Għal finijiet oħrajn Spirti speċjali			
2710 12 21	Spirtu abjad	Skont għaż- żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 25	Oħrajn	Skont għaż- żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
	Oħrajn Petrol tal-magni			
2710 12 31	Petrol tal-avjazzjoni	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
	Oħrajn, b'kontenut ta' ċomb Li ma jaqbiżx iż-0,013 g kull litru			

2710 12 41	B'indiċi tal-ottan (RON) ta' anqas minn 95	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 45	B'indiċi tal-ottan (RON) ta' 95 jew ogħla iżda anqas minn 98	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 49	B'indiċi tal-ottan (RON) ta' 98 jew ogħla	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 50	Li jaqbeż iż-0,013 g għal kull litru	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 70	Fjuwil tal-ġettijiet ta' tip bħal spirtu	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 12 90	Żjut ħfief oħrajn	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19	Oħrajn			
	Żjut medji			
2710 19 11	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 15	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess għajr dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 11	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
	Għal finijiet oħrajn Kerosin			
2710 19 21	Fjuwil tal-ġettijiet	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 25	Oħrajn	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 29	Oħrajn	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
	Żjut tqal Żjut tal-gass			

2710 19 31	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 35	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess għajr dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 31	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
	Għal finijiet oħrajn			
2710 19 43	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx iż-0,001 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 46	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,001 % skont il-piż iżda li ma jaqbiżx iż-0,002 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 47	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,002 % skont il-piż iżda li ma jaqbiżx iż-0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 48	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
	Żjut kombustibbli			
2710 19 51	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 55	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess għajr dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 51	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
	Għal finijiet oħrajn			
2710 19 62	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx iż-0,1 % skont il-piż	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 66	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,1 % skont il-piż iżda ma jaqbiżx iż-0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 67	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
	Żjut lubrifikanti; żjut oħrajn			
2710 19 71	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.

2710 19 75	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess għajr dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 71	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
	Għal finijiet oħrajn			
2710 19 81	Żjut tal-muturi, iż-żjut lubrifikanti għall-kompressuri, iż-żjut lubrifikanti għat-turbini	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 83	Żjut idrawliċi	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 85	Żjut bojod, il-parafina likwida	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 87	Żjut tal-gerijiet u iż-żjut tar-ridutturi	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 91	Komposti tax-xogħol tal-ħadid, iż-żjut għall-qliġ mill-forom, iż-żjut kontra l-korruzzjoni	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 93	Żjut għall-iżolazzjoni elettrika	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 19 99	Żjut lubrikanti oħrajn u żjut oħrajn	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 20	Żjut tal-petroleum u żjut miksubin mill-minerali bituminużi (għajr dawk grezzi) u preparati li mhux speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom 70 % jew aktar skont il-piż żjut tal-petroleum jew żjut miksubin mill-minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati, li jkun fihom il-bijodiżil, għajr iż-żjut ta' skart			
	Żjut tal-gass			
2710 20 11	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx iż-0,001 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 20 16	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,001 % skont il-piż iżda ma jaqbiżx iż-0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.

2710 20 19	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt grezz	100	fil-5 ta' Frar 2023.
	Żjut kombustibbli			
2710 20 32	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbix iż-0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 20 38	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż-0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 20 90	Żjut oħrajn	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
	Żjut ta' skart			
2710 91	Li fihom bifenili poliklorinati (PCBs), it-terfenili poliklorinati (PCTs) jew il-bifenili polibrominati (PBBs)	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.
2710 99	Oħrajn	Skont għaż-żejt grezz	45	fil-5 ta' Frar 2023.”

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/252

tal-4 ta' Frar 2023

li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ⁽¹⁾.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 ⁽²⁾, li introduċiet eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li jingħataw assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'raba mat-trasport marittimu lil pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum) jew prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, mixtrija bi prezz li jkun ekwivalenti jew anqas minn dak massimu stabbilit minn qabel miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet. Dik l-eżenzjoni hija maħsuba biex ittaffi l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija għal pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żieda qawwija f'daqqa fil-prezzijiet xprunata minn kondizzjonijiet straordinari tas-suq, filwaqt li jiġi limitat id-dħul Russu miż-żejt.
- (4) Fit-3 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 ⁽³⁾, li stabbiliet il-limitu massimu tal-prezz għaż-żejt mhux maħdum, jiġifieri l-prezz għal kull barmil li fih jew li taħtu, iż-żejt mhux maħdum mir-Russja jkun eżentat mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu ta' tali żejt mhux maħdum lejn pajjiżi terzi u l-projbizzjoni li jingħataw assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'raba mat-trasport marittimu ta' tali żejt mhux maħdum lejn pajjiżi terzi.
- (5) Fid-dawl tas-sitwazzjoni, u b'kont meħud tal-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-aderenza internazzjonali mal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet u l-allinjament informali miegħu, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, huwa xieraq li jiġi introdotti żewġ limiti addizzjonali fuq il-prezzijiet għall-prodotti tal-petroleum, jiġifieri l-prezz għal kull barmil li miegħu jew taħtu l-prodotti tal-petroleum mir-Russja jkunu eżentati mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu ta' tali prodotti lejn pajjiżi terzi u l-projbizzjoni li jingħataw assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'raba mat-trasport marittimu ta' tali prodotti lejn pajjiżi terzi. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġi introdott limitu ta' prezz wieħed għall-prodotti tal-petroleum nnegozjati bi skont għaż-żejt mhux maħdum ("skont għaż-żejt mhux maħdum") u limitu massimu ieħor fuq il-prezz għall-prodotti tal-petroleum innegozjati bi primjum għaż-żejt mhux maħdum ("primjum għaż-żejt mhux maħdum").
- (6) Huwa wkoll xieraq li jiġi introdott perjodu tranżitorju ta' 55 jum għal bastimenti li jgħorru prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja li jinxtraw u jitgħabbew fuq il-bastiment qabel il-5 ta' Frar 2023 u li jinħattu qabel l-1 ta' April 2023.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 259I, 6.10.2022, p. 122).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2369 tat-3 ta' Diċembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 311I, 3.12.2022, p. 8).

- (7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/2369 introduċiet rieżami regolari tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet. Jenħtieġ li, minn nofs Marzu 2023, ir-rieżami jkun ibbażat fuq data oġġettiva pprovduta mill-Kummissjoni lill-Kunsill kull xahrejn. Id-data għandha tinkludi informazzjoni dwar il-livell tal-prezz taż-żejt mhux maħdum u tal-prodotti tal-petroleum raffinat, varjazzjonijiet matul il-perjodu taħt rieżami u previżjonijiet raġonevoli tal-prezzijiet fil-perjodu ta' wara. Il-Kummissjoni ser tinkludi wkoll data rilevanti dwar l-impatt mistenni fuq il-baġit Russu, fuq is-settur tal-enerġija u fuq l-Istati Membri. Abbażi ta' din id-data, il-kriterji stipulati fl-Artikolu 4p(12) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u l-impenn li jiġi aġġustat il-limitu massimu tal-prezzijiet kif stipulat fiha, ir-Rappreżentant Għoli, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, ser jagħmel il-proposti meħtieġa.
- (8) Huwa wkoll xieraq li jsiru ċerti emendi tekniċi.
- (9) Tenħtieġ aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.
- (10) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/512/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4o huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprobit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni, jekk dawn joriġinaw fir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.”;

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar u ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni, fejn dawk l-oġġetti joriġinaw f'pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew fir-Russja, jitolqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawk l-oġġetti ma jkunux Russi”;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mill-5 ta' Diċembru 2022, u permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-awtoritajiet kompetenti tal-Bulgarija jistgħu jawtorizzaw l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment ta' żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar u ta' prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni, li joriġinaw fir-Russja jew ikunu esportati mir-Russja.”;

(d) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal xiri fir-Russja ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni, li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali tax-xerrej fir-Russja jew ta' proġetti umanitarji fir-Russja.”;

(2) L-Artikolu 4p huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprobit il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, b'rabta mal-kummerċ, is-senserija jew it-trasport, inkluż dak permezz ta' trasferimenti minn vapur għal vapur, lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum, kif elenkat fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni, li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja.”;

(b) fil-paragrafi 4 u 5, il-frażi "Anness XXV tar-Regolament (UE) Nru 833/2014" hija sostitwita b'"Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni”;

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

- (a) mill-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, u mill-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta' dawn il-prodotti ma jaqbiżx il-prezzijiet stabbiliti fl-Anness XI ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) għaż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XIII ta' din id-Deċiżjoni meta daww l-oġġetti joriġinaw minn pajjiż terz u jkun biss qed jitgħabbew mir-Russja, jitolqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawn l-oġġetti ma jkunux Russi;
- (c) għat-trasport, jew għall-assistenza teknika, is-servizzi ta' senserija, il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja marbuta ma' dan it-trasport, tal-prodotti msemmijin fl-Anness XII ta' din id-Deċiżjoni lejn il-pajjiżi terzi msemmija fih, għat-tul taż-żmien speċifikat f'dak l-Anness;
- (d) mill-5 ta' Diċembru 2022, fil-każ ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, li joriġina mir-Russja jew li ġie esportat mir-Russja u jkun inxtara bi prezz oġġla minn dak stabbilit fl-Anness XI ta' din id-Deċiżjoni li jitgħabba fuq bastiment fil-port tat-tagħbija qabel il-5 ta' Diċembru 2022 u jinħatt fil-port tad-destinazzjoni finali qabel id-19 ta' Jannar 2023;
- (e) mill-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja li nxtraw bi prezz oġġla mill-prezz rispettiv stipulat fl-Anness XI ta' din id-Deċiżjoni li jitgħabbew fuq bastiment fil-port tat-tagħbija qabel il-5 ta' Frar 2023 u li jinħattu fil-port tad-destinazzjoni finali qabel l-1 ta' April 2023.”;

(d) il-paragrafu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“12. Il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż l-Anness XI kif ukoll il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi rieżaminat sa nofs Marzu 2023 u kull xahrejn minn hemm 'il quddiem.

Ir-rieżami għandu jqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-implimentazzjoni tagħha, l-aderenza internazzjonali u l-allinjament informali mal-iskema tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Għandu jwieġeb għall-iżviluppi fis-suq, inkluż it-turbolenzi possibbli.

Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż il-kapaċità tiegħu li jnaqqas id-dħul tar-Russja miż-żejt, il-limitu massimu tal-prezzijiet għandu jkun mill-inqas 5 % taħt il-prezz medju tas-suq għaż-żejt u l-prodotti petroliferi Russi, ikkalkulat abbażi tad-data pprovduta mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija.”;

(3) l-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ROSWALL

L-Annessi tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness XI huwa emendat kif ġej:

(a) it-test “[tabella bil-kodiċijiet NM tal-prodotti u l-prezzijiet korrispondenti kif miftiehma mill-Koalizzjoni tal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet]” huwa sostitwit bis-subintestatura li ġejja:

“Prezz għaż-żejt mhux maħdum”;

(b) jinżiedu s-subintestatura u t-tabella li ġejjin:

“Prezzijiet għall-prodotti tal-petroleum

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Primjum għaż-żejt mhux maħdum / Skont għaż-żejt mhux maħdum	Prezz għal kull barmil (USD)	Data ta' applikazzjoni
	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, (għajr dawk mhux maħdum) u preparazzjonijiet mhux speċifikati jew inklużi band'oħra, li jkun fihom 70 % jew aktar mill-piż ta' żjut tal-petroleum jew żjut miksuba minn minerali bituminużi, b'dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet, għajr dawk li fihom il-bijodiżil u għajr żejt skartat			
2710 12	Żjut u preparazzjonijiet ħfief			
2710 12 11	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 12 15	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess ħlief dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 12 11	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
	Għal għanijiet oħrajn Spirti speċjali			
2710 12 21	Spirtu abjad	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 12 25	Oħrajn	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
	Oħrajn Spirtu tal-muturi			
2710 12 31	Spirtu tal-avjazzjoni	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023

	Oħrajn, b'kontenut ta' ċomb Ta' mhux aktar minn 0,013 g għal kull litru			
2710 12 41	B'numru ta' ottan (RON) inqas minn 95	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 12 45	B'numru ta' ottan (RON) ta' 95 jew aktar imma inqas minn 98	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 12 49	B'numru ta' ottan (RON) ta' 98 jew aktar	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 12 50	Li jaqbeż iż- 0,013 g għal kull litru	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 12 70	Fjuwil tal-avjazzjoni tat-tip spirtu	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 12 90	Żjut ħfief oħra	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19	Oħrajn			
	Żjut medji			
2710 19 11	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 15	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess ħlief dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 11	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
	Għal għanijiet oħrajn Kerosen			
2710 19 21	Fjuwil tal-ġettijiet	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 25	Oħrajn	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 29	Oħrajn	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
	Żjut tqal Żjut tal-gass			
2710 19 31	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 35	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess ħlief dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 31	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
	Għal għanijiet oħrajn			

2710 19 43	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbix iż- 0,001 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 46	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,001 % skont il-piż iżda li ma jaqbix iż- 0,002 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 47	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,002 % skont il-piż iżda li ma jaqbix iż- 0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 48	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
	Żejt fjuwil			
2710 19 51	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 55	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess ħlief dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 51	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
	Għal għanijiet oħrajn			
2710 19 62	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbix iż- 0,1 % skont il-piż	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 66	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,1 % skont il-piż iżda li ma jaqbix iż0,5, % skont il-piż	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 67	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
	Żjut lubrikanti; żjut oħrajn			
2710 19 71	Biex jgħaddu minn proċess speċifiku	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 19 75	Biex jgħaddu minn trasformazzjoni kimika bi proċess ħlief dawk speċifikati fir-rigward tas-subintestatura 2710 19 71	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
	Għal għanijiet oħrajn			
2710 19 81	Żjut tal-muturi, żjut għall-kompressuri, żjut għat-turbini	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 83	Żjut idrawliċi	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023

2710 19 85	Żjut bojod, żejt tal-parafina	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 87	Żjut tal-gerijiet u żjut tar-ridutturi	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 91	Komposti tax-xogħol tal-ħadid, żjut għar-rilaxx tal-forom, żjut kontra l-korrużjoni	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 93	Żjut għall-iżolazzjoni elettrika	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 19 99	Żjut lubrikanti oħrajn u żjut oħrajn	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 20	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, (għajr dawk mhux maħdum) u preparazzjonijiet mhux speċifikati jew inklużi band'oħra, li jkun fihom 70 % jew aktar mill-piż ta' żjut tal-petroleum jew żjut miksuba minn minerali bituminużi, b'dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet, li fihom il-bijodiżil, għajr żejt skartat			
	Żjut tal-gass			
2710 20 11	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx iż- 0,001 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 20 16	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,001 % skont il-piż iżda li ma jaqbiżx iż- 0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
2710 20 19	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,1 % skont il-piż	Primjum għaż-żejt mhux maħdum	100	5 ta' Frar 2023
	Żejt fjuwil			
2710 20 32	B'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx iż- 0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 20 38	B'kontenut ta' kubrit li jaqbeż iż- 0,5 % skont il-piż	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 20 90	Żjut oħrajn	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
	Żjut skartati			
2710 91	Li fihom bifenilipoliklorinati (PCBs), terfenilipoliklorinati (PCTs) jew bifenilipolibrominati (PBBs)	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023
2710 99	Oħrajn	Skont għaż-żejt mhux maħdum	45	5 ta' Frar 2023"

(2) jinżdied l-anness li ġej:

“ANNESS XIII

Lista ta' żejt mhux maħdum u prodotti tal-petroleum imsemmijin fl-Artikoli 4o u 4p

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
ex 2709 00	Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux maħdumin għajr kondensati tal-gass naturali tas-subintestatura NM 2709 00 10 minn impjanti ta' produzzjoni ta' gass naturali likwifikat
2710	Żjut tal-petroleum u żjut miksubin minn materjali bituminużi, għajr dawk mhux maħdumin; preparazzjonijiet li mhum iex speċifikati jew inklużi band'oħra, li fihom 70 % jew aktar skont il-piż ta' żjut tal-petroleum jew żjut miksubin minn minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet; żjut skartati”

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)